



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14269/22
ADD 1

LIMITE

CORLX 1024
CFSP/PESC 1470
COARM 224
CONUN 261

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon (AAMVS) għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni illeċita - Dokument ta' Proġett



DOKUMENT TA' PROĠETT

L-IŻVILUPP TA' SISTEMA RIKONNOXXUTA INTERNAZZJONALMENT GĦALL-VALIDAZZJONI TAL-ĠESTJONI TAL-ARMJI U L-MUNIZZJON (AAMVS) GĦALL-PREVENZJONI TAL-PROLIFERAZZJONI ILLEĊITA

1. Informazzjoni ġenerali

Hemm kunsens dejjem akbar, fost il-komunità tal-kontroll tal-armi, dwar ir-rwol ċentrali li għandha ġestjoni tal-ħażniet effikaċi fit-tisħiħ tal-miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni. Fid-dokument ta' ħidma mħejji għas-seba' Konferenza tal-Istati Parti (CSP7) għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), il-presidenza tas-CSP7 appellat lill-Istati Parti biex iqisu l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-ħażniet kemm qabel l-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni kif ukoll il-ħżin sikur u sigur wara t-twassil. Barra minn hekk, il-presidenza ħeġġet lill-istati importaturi u esportaturi biex, flimkien mal-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet illeċiti (Artikoli 11(5) u 15(4) tat-TKA), jaqblu dwar il-kondizzjonijiet u l-assigurazzjonijiet speċifiċi dwar il-faċilitajiet tal-ħżin, l-immarkar tal-oġġetti jew il-kontrolli tal-utenti aħħarin, qabel l-esportazzjoni. Fl-aħħar nett, u bħala mezz ta' konformità mal-Artikolu 13(2), il-presidenza tas-CSP7 ipproponiet li l-Istati Parti jistgħu jirrappurtaw dwar il-miżuri meħuda għat-tisħiħ tas-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet (PSSM) bħala indikazzjoni tal-azzjonijiet meħuda għall-prevenzjoni u l-indirizzar tad-devjazzjoni.¹

Kif deskritt fid-Dokument ta' Ħidma tas-CSP7, għadu diffiċli li jingħataw garanziji dwar il-prattiki tal-ġestjoni tal-ħażniet ta' pajjiż terz. Il-qasam huwa tekniku, u l-informazzjoni hija ttrattata bħala sensitiva ħafna. Dan jikkomplica l-isforzi għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni. F'bosta setturi – privati u pubbliċi – il-valutazzjonijiet tal-konformità jintużaw biex jagħtu garanziji dwar l-effikaċja, is-sikurezza, u s-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi. Il-valutazzjonijiet tal-konformità jipprovdu metodi rikonnoxxuti internazzjonalment biex jiġi ddeterminat jekk il-prodott jew is-servizz jikkonformax ma' normi u standards aċċettati. Filwaqt li jeżistu diversi standards, linji gwida u Prattiki tajba internazzjonali għall-ġestjoni tal-ħażniet u għas-sigurtà, bħalissa ma hemm ebda metodoloġija rikonnoxxuta internazzjonalment li tagħti garanziji dwar il-kapaċitajiet ta' pajjiż terz jew ta' utent aħħari li jipprevjenu d-devjazzjoni (Artikolu 11(1) TKA) tal-ħażniet ta' armi u munizzjon tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea (UE) ilha mill-2020 tesplora l-possibbiltà tal-istabbiliment ta' sistema rikonnoxxuta internazzjonalment biex tivvalida l-politika u l-prattika tal-armi u l-munizzjon fil-livell ta' stat u ta' utent aħħari. Permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/979 u emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2075, l-UE inkarigat lit-Tim ta' Konsulenza għall-Ġestjoni tal-Munizzjon (AMAT) taċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji (GICHD) bil-proġett tal-iżvilupp ta' Sistema ta' Validazzjoni tal-Ġestjoni tal-Armi u l-Munizzjon (AAMVS) rikonnoxxuta internazzjonalment biex tipprevjeni l-proliferazzjoni illeċita u l-isplużjonijiet aċċidentali. Dan kien sforz pluriennali, maqsum f'fażijiet konkreti b'objettivi u eżiti dedikati.

¹ Abbozz ta' Dokument ta' Hidma tal-Presidenza tas-CSP7: Strengthening efforts to eradicate the illicit trade in small arms and light weapons and ensure efficient stockpile management.

L-ewwel fażi (PESK 2020/979) kellha l-għan li teżamina l-fattibbiltà tal-ħolqien ta' sistema ta' validazzjoni rikonoxxuta internazzjonalment għall-prattiki tal-ġestjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). Il-fattibbiltà tas-sistema ġiet iġvalutata skont seba' kategoriji: dik teknika, politika, legali, ekonomika, ta' sigurtà militari, ta' sikurezza u ta' sigurtà tal-komunità, u taż-żmien opportuni għaliha. L-istudju sab li filwaqt li ma kien hemm ebda sinjal ta' periklu li jipprevjeni l-iżvilupp ta' sistema bħal din, ir-rieda politika tal-partijiet ikkonċernati li jipparteċipaw f'sistema bħal din tistrieħ fl-aħħar mill-aħħar fuq id-disinn finali tagħha. Għaldaqstant, il-partijiet ikkonċernati ma setgħux jidħlu f'impenji qabel ma jiġu ċċarati l-kwistjonijiet dwar id-disinn finali tas-sistema.

It-tieni fażi (PESK 2021/2075) kellha l-għan li tiżviluppa l-għodda ta' valutazzjoni li sservi ta' pedament għas-sistema u biex tiddefinixxi l-għażliet xierqa għall-AAMVS. Inħolqot għodda ta' awtovalutazzjoni u ġew esplorati opzjonijiet potenzjali għal sistema ta' validazzjoni. Il-proġett intemm b'approċċ rakkomandat għall-iżvilupp ta' AAMVS operazzjonali.

X'inhil-AAMVS?

L-informazzjoni dwar l-istat ġenerali tal-prattiki tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon hija ta' interess għal aktar minn parti kkonċernata waħda, kemm domestika kif ukoll barranija. Pereżempju, l-awtoritajiet għall-kontroll tal-esportazzjoni jistgħu jsaħħu l-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskju ta' devjazzjoni li jsiru qabel l-awtorizzazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni billi jtejbju l-analiżi tagħhom tal-fażi tal-ħżin wara t-twassil, filwaqt li l-kooperazzjoni internazzjonali u l-għoti ta' assistenza jistgħu jkunu mmirati aħjar mill-analiżi tal-kapaċitajiet attwali.

L-AAMVS hija mfassla biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kapaċità tal-utenti aħħarin li jżommu ħażniet sikuri u siguri. Dan tagħmlu billi tivvaluta l-kapaċitajiet ta' struttura ta' sistema tal-ġestjoni tal-utenti aħħarin skont l-aħjar Prattiki rikonoxxuti internazzjonalment li jinsabu fil-Linji Gwida Tekniċi Internazzjonali dwar il-Munizzjon (IATG) fil-Kompendju ta' Moduli dwar l-Implimentazzjoni tal-Kontroll tal-Armi ta' Kalibru Żgħir (MOSAIC).

Fil-qalba tal-AAMVS hemm l-għodod żviluppati matul l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2075. Awtovalutazzjoni standardizzata, waħda mill-eżiti ewlenin żviluppati waqt l-implimentazzjoni ta' PESK 2021/2075, tagħti metodoloġija li tanalizzza s-sofistikazzjoni tal-qafas tas-sistema ta' ġestjoni kif definit fil-linji li jiżguraw it-twetliq ta' kapaċità kif deskritti f'IATG 01:35. Din l-awtovalutazzjoni hija akkumpanjata minn dokument ta' gwida li fuqu titmexxa l-interpretazzjoni tar-riżultati. L-għodda waħedha tista' sservi ta' għodda ta' skambju ta' informazzjoni bilaterali dwar l-istat ġenerali tal-prattiki tal-ġestjoni tal-armi u tal-munizzjon mill-forzi armati.

L-AAMVS issir "sistema" meta l-għodda tidħol fl-użu ordinarju f'kull parti ta' organizzazzjoni sabiex tappoġġa l-ħtiġijiet komuni. Organizzazzjonijiet magħmula minn Stati Membri li jkollhom rekwiżiti ta' kontroll tal-esportazzjoni, regolamenti tal-importazzjoni, miri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet jew ħtiġijiet ta' monitoraġġ ta' implimentazzjoni ta' strument li jkunu l-istess huma l-aqwa kandidati biex jibbenefikaw mill-ħolqien ta' sistema. F'kull każ, pjattaforma komuni tiffaċilita aktar l-iskambju ta' informazzjoni. Il-valutazzjoni standardizzata tista' tintuża biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' diversi partijiet ikkonċernati. Awtovalutazzjoni tista' tkun valida għal diversi snin, u b'hekk tippermetti l-iskambju ta' analiżi diġà awtorizzata ma' partijiet ikkonċernati approvati. Din tista' tnaqqas il-piż tar-rappurtar fuq l-utent aħħari, filwaqt li żżid l-effiċjenza fil-kapaċità tal-uffiċjali tal-kontroll tal-esportazzjoni li jaċċessaw informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-ħżin ta' wara t-twassil ta' utent aħħari li jkun importatur potenzjali, matul il-fażi ta' qabel l-awtorizzazzjonijiet.

Hemm diversi opzjonijiet għall-ħolqien ta' sistema AAMVS. B'hekk organizzazzjoni tkun tista' tfassal is-sistema għall-ħtiġijiet partikulari tagħha. Ċerti organizzazzjonijiet jistgħu jibbenefikaw mill-ħolqien ta' sistema ta' validazzjoni, fejn analiżi standardizzata waħda tista' tkun kondiviża bejn utenti awtorizzati. Għal organizzazzjonijiet oħra, validazzjoni tista' tkun problematika u għalhekk jistgħu jagħżlu opzjonijiet ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni anqas speċifiċi. Id-determinazzjoni ta' liema elementi huma aċċettabbli għal kull organizzazzjoni ser tkun importanti ħafna għall-iżvilupp tas-sistemi AAMVS.

Filwaqt li tibni fuq l-eżiti u s-sejbiet imsemmija hawn fuq, il-Fażi III tal-proġett ser tiffoka fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-AAMVS. Ser jiġi adottat approċċ reġjonali għall-iżvilupp ta' sistemi ta' validazzjoni – iffukat biex jidentifika u jkompli jibni fuq strutturi u mekkaniżmi organizzazzjonali reġjonali eżistenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-iżvilupp ta' metodoloġiji u għodod imfassla għall-validazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon (inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodda ta' awtovalutazzjoni u l-gwida korrispondenti għat-twettiq tal-valutazzjoni u għall-interpretazzjoni tar-risultati tal-valutazzjoni).

2. Approċċ tekniku

Dan il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa Sistemi ta' Validazzjoni tal-Ġestjoni tal-Armi u l-Munizzjon (AAMVS) fl-istrutturi organizzazzjonali reġjonali eżistenti. Kull Sistema ser tiffunzjona b'mod indipendenti u ser tibni fuq l-għodod u l-gwida metodoloġika żviluppata matul l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2075. L-għodda tinkludi metodoloġija standardizzata ta' awtovalutazzjoni mfassla għall-kuntest u l-istandards tar-reġjun, proċess maqbul ta' validazzjoni jew ta' punteġġ li jista' juża l-għarfien espert mir-reġjun biex janalizza r-risultati tal-awtovalutazzjoni, pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni sabiex tiffaċilita t-trasferiment ta' ċerta informazzjoni lil awtoritajiet rikjedenti awtorizzati, u qafas żgħir ta' governanza sabiex iżomm is-sostenibbiltà tas-sistema.

Bl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, l-UE tfassal, tiżviluppa, tittestja, u timplimenta l-ewwel sistema AAMVS reġjonali. L-AAMVS tal-UE sservi ta' pjattaforma għall-Istati Membri biex jikkondividu u jaċċessaw, f'format standardizzat, l-informazzjoni dwar il-prattiki tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon abbażi tal-awtovalutazzjonijiet imwettqa minn utenti aħħarin f'pajjiżi terzi. L-UE tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tfassil tal-elementi kollha tas-sistema, billi tuża network ta' esperti fl-UE u fl-Istati Membri tal-UE sabiex jagħtu pariri dwar l-oqsma kollha tad-disinn. Il-GICHD ser ikun responsabbli li jiffaċilita d-diskussjonijiet man-network u l-implimentazzjoni tad-disinn.

L-AAMVS tal-UE ssaħħa il-kapaċità tal-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nonproliferazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Armi (COARM), tal-awtoritajiet għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-Istati Membri tal-UE u tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) li janalizzaw ir-riskji ta' devjazzjoni wara t-twassil u ta' splużjoni aċċidentali assoċjati mas-sistema tal-ġestjoni tal-armi u tal-munizzjon ta' utenti aħħari. Din l-informazzjoni tappoġġa l-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskju ta' devjazzjoni mwettqa qabel l-awtorizzazzjoni tal-liċenzja. L-awtovalutazzjoni tal-AAMVS tista' wkoll tappoġġa l-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nonproliferazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Armi (CONOP) u l-proċessi ta' assistenza internazzjonali u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet implimentati mill-Istati Membri tal-UE billi tagħti valutazzjoni standardizzata dwar l-aderenza tal-qafas għall-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon ma' Prattiki tajba internazzjonali. Dan jappoġġa l-identifikazzjoni tad-dgħufijiet u l-ħtiġijiet, u b'hekk jidderieġi l-isforzi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lejn fejn ir-riżorsi huma l-aktar meħtieġa.

Dan il-proġett ser jissensibilizza wkoll sottoreġjuni oħra għall-AAMVS u għall-benefiċċji tal-iżvilupp ta' approċċ standardizzat għall-valutazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar Prattiki ta' Ġestjoni tal-armi u l-munizzjon. Din is-sensibilizzazzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ organizzazzjonijiet reġjonali oħra jiżviluppaw sistemi AAMVS imfassla apposta u li tappoġġa l-użu tal-għodda ta' awtovalutazzjoni. Dan l-isforz ser jibni fuq l-isforzi mwettqa matul l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2020/979 u (PESK) 2021/2075. Jekk, matul is-sensibilizzazzjoni, organizzazzjoni reġjonali titlob appoġġ fl-iżvilupp ta' AAMVS, il-proġett jista' jdawwar riżorsi lejn dak l-isforz biex jappoġġah.

3. Obiettivi ġenerali

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jiġu appoġġati l-isforzi sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni sikura u sigura tas-SALW u l-munizzjon billi jitjiebu l-proċessi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li jaħdmu fil-kontroll tal-esportazzjoni u fil-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali.

Dan l-għan ser jintlaħaq billi tiżdied it-trasparenza tal-prattiki tal-ġestjoni tas-SALW u l-munizzjon implimentati mill-utenti aħħarin f'pajjiż terz. B'aktar għarfien ta' dawn il-prattiki, il-partijiet ikkonċernati ser ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aħjar rigward l-awtorizzazzjoni tat-trasferimenti u l-inizjattivi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-ħidma tal-proġett ser issir b'żewġ objettivi ewlenin:

- 1) Il-ħolqien ta' Sistema AAMVS operazzjonali.
- 2) L-inkoraġġiment tal-isforzi tal-organizzazzjonijiet reġjonali u tal-Istati Membri tagħhom biex jiżviluppaw l-AAMVS tagħhom stess.

4. Deskrizzjoni tal-attivitajiet

Objettiv 1: Il-ħolqien ta' Sistema AAMVS operazzjonali

Sena 1: Konsolidazzjoni tal-qafas tas-Sistema AAMVS

ATTIVITAJIET	EŻITI
Jiġi stabbilit network konsultattiv tal-UE magħmul minn partijiet ikkonċernati interessati li jistgħu jagħtu parir espert għal gwida sostantiva u operazzjonali dwar kwistjonijiet ta' politika u attivitajiet tal-UE. Dawn il-konsulenti ser jintalbu jikkontribwixxu fl-istadju tal-iżvilupp tal-AAMVS tal-UE sabiex jiġi żgurat li s-sistema hija tajba għall-finijiet tal-UE. It-Tim tal-Proġett tal-GICHD ser ikun responsabbli li jimplimenta l-pariri tagħhom. Ser isiru sforzi biex isiru arranġamenti għal diversi laqgħat wiċċ imb wiċċ matul is-sena. L-iskop tan-network konsultattiv huwa li jiżgura li l-partijiet ikkonċernati tal-UE jmessu t-tfassil ta' sistema li tissodisfa l-ħtiġijiet u l-proċessi tal-ħidma tagħhom. Il-konsulenti ser jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-elementi tas-sistema li ġejjin:	Implimentazzjoni tal-ġhodda ta' awtovalutazzjoni mfassla apposta u vvalidati mill-UE.
	Abbozz ta' dokument qafas għas-sistema AAMVS tal-UE bi strateġija ta' żvilupp.
	Inklużjoni tan-noti u korrispondenza meħuda mill-komunikazzjonijiet man-network konsultattiv tal-UE.
	Stabbiliment ta' pjan ta' żvilupp tal-pjattaforma web li jinkludi t-tfassil, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-finalizzazzjoni.
- l-abbozz ta' politika għall-operazzjonijiet tal-AAMVS u għas-sorveljanza u l-manutenzjoni tas-sistema; - l-eżami ta' kemm l-ġhodda ta' awtovalutazzjoni huma xierqa u adatti għall-ħtiġijiet; - id-determinazzjoni tal-entitajiet ix-xierqa biex iwettqu validazzjoni u sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-AAMVS; - id-determinazzjoni ta' liema tip ta'	

kondiviżjoni ta' informazzjoni tista' titħalla issir fuq il-pjattaforma elettronika u bilateralment.

Tiġi vvalidata l-awtovalutazzjoni u analiżi tal-validazzjoni. L-għodod ġeneriċi tal-awtovalutazzjoni żviluppati waqt l-implimentazzjoni ta' PESK 2021/2175 jeħtieġ li jiġu rieżaminati, imfassla, u vvalidati mill-esperti tekniċi tal-UE sabiex jiżguraw li huma tajbin għar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati tal-UE.

Titwettag validazzjoni teknika tal-għodod tal-awtovalutazzjoni approvati mill-esperti tematiċi (il-ġestjoni u l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi u l-munizzjon).

Jiġu vvalutati r-rekwiżiti tad-disinn tal-web għall-ħolqien ta' pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-konsulenti tal-UE, il-valutazzjoni ser tiddetermina r-rekwiżiti tal-ipprogrammar biex tinholq il-pjattaforma web mixtieqa.



EŻITI

Rapport ta' valutazzjoni tal-prova ta' awtovalutazzjoni.

Materjali ta' taħriġ separati għat-twetliq tal-awtovalutazzjoni u l-validazzjoni.

Politiki u proċeduri operattivi abbozzati għat-twetliq tal-validazzjoni u għall-mekkaniżmu ta' sorveljanza tas-sistema.

Pjattaforma web għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni tal-AAMVS.

Noti għall-konsulenti tal-UE.

Sena 2: Ittestjar tal-għodod u s-sistema

ATTIVITAJIET

Jiġu ttestjati l-għodod ta' awtovalutazzjoni f'pajjiżi terzi. It-testijiet ser jikkonsistu fi tliet elementi:

- appoġġ lill-pajjiżi terzi u kwalunkwe attur (intermedjarji, eċċ.) involut fl-

isforzi tagħhom biex ilestu awtovalutazzjoni sodisfaċenti; - Valutazzjoni tal-isfidi tal-implimentazzjoni li jgħaddu minnhom l-atturi kollha involuti fit-tlestija tal-valutazzjoni u t-tħassib tagħhom dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni; - abbozz ta' rapport ta' valutazzjoni li jenfasizza l-isfidi u t-tagħlimiet meħuda.
Titfassal, tiġi ttestjata u vvalidata pjattaforma web fuq l-ispeċifikazzjonijiet deskritti min-network konsultattiv tal-UE.
Isir abbozz ta' materjal ta' taħriġ u ta' proċeduri operattivi biex jappoġġaw l-isforzi għat-tlestija tal-awtovalutazzjoni, jistandardizzaw il-proċess ta' valutazzjoni u jiggwidaw il-mekkaniżmu ta' sorveljanza tas-sistema.
Isir abbozz ta' dokumenti ta' politika għall-operazzjoni u s-sorveljanza tal-AAMVS.
In-network konsultattiv tal-UE jiġi aġġornat dwar l-istatus tal-implimentazzjoni u jiddiskuti l-isfidi u l-kwistjonijiet li jinqalgħu.



Objettiv 2: L-inkoraġġiment ta' organizzazzjonijiet oħra biex jiżviluppaw l-AAMVS reġjonali tagħhom stess.

Sena 1: Introduzzjoni tal-AAMVS għal żewġ organizzazzjonijiet reġjonali; ikompli l-eżami tar-rabtiet ma' strumenti internazzjonali

ATTIVITAJIET
Isiru kuntatti ma' żewġ organizzazzjonijiet reġjonali u l-Istati Membri tagħhom sabiex jiġi promoss il-kunċett ta' AAMVS reġjonali. Dawn ser jikkonsistu minn massimu ta' tliet żjarat fir-reġjun. L-ewwel laqgħa mal-organizzazzjoni reġjonali ser tintuża biex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' AAMVS reġjonali u, jekk mixtieq, tagħti bidu għall-ippjanar tal-passi li jmiss. It-tieni laqgħa tkun tinkludi l-Istati Membri u sservi bħala introduzzjoni għas-sistema u l-benefiċċji. Il-laqgħat ta' segwitu huma mistennija jkomplu jħeġġu u

EŻITI
Sensibilizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet reġjonali u tal-Istati Membri tagħhom dwar is-sistema AAMVS tal-UE u l-benefiċċji li jholqu waħda għalihom stess.

jippjanaw il-ħolqien ta' AAMVS reġjonali.
Parteċipazzjoni f'laqgħat ta' strumenti reġjonali u internazzjonali dwar il-kontroll tal-armi. Dan jista' jinkludi avvenimenti li jsiru fil-marġini jew avvenimenti oħra għall-promozzjoni tal-AAMVS u l-iżvilupp tal-AAMVS tal-UE.



Sena 2 u 3: L-AAMVS tiġi introdotta għal żewġ organizzazzjonijiet reġjonali fis-sena, tkompli l-promozzjoni internazzjonali

Nota: fis-Sena 2 u 3, il-pjan tal-proġett għandu varjazzjoni waħda li tiddependi mill-eżitu tal-isforzi tas-sena ta' qabel għall-promozzjoni tal-AAMVS reġjonali. Il-pjan oriġinali huwa li jsiru żewġ kuntatti reġjonali fis-sena skont il-format deskritt fis-Sena 1. Madankollu, jekk organizzazzjoni reġjonali tikkonferma x-xewqa li timplimenta l-AAMVS, allura l-AMAT ser jitlob il-permess mill-UE biex jgħaddi parti mir-riżorsi lejn l-iżvilupp tal-AAMVS fir-reġjun li jkun qed jitlob is-sistema. Dan jirriżulta fit-tnaqqis fl-għadd ta' organizzazzjonijiet reġjonali involuti kull sena, iżda potenzjalment żieda fl-għadd ta' stati li jużaw u jibbenefikaw mill-qafas tal-AAMVS.

5. Aġenzija tal-implimentazzjoni teknika

Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji (GICHD), permezz tal-AMAT, ser imexxi l-implimentazzjoni tal-proġett. Speċifikament, l-AMAT ser ikun fuq quddiem fit-tmexxija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha ta' dan il-proġett u ser ikun responsabbli għall-baġit u għar-rappurtar. Bl-istess mod, l-AMAT ser ikun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill ((PESK) 2020/979 u (PESK) 2021/2075).

L-AMAT beħsiebu jinvolvi konsulenti esperti biex jappoġġaw aspetti differenti ta' dan il-proġett. B'mod partikolari, ser jinħatru esperti fl-oqsma tal-iżvilupp tal-web, fil-valutazzjoni tal-konformità u fil-ġestjoni tas-SALW biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' aspetti mill-proġett. Dawn il-konsulenti ser jintgħażlu permezz ta' proċess ta' reklutaġġ awtorizzat.

6. Rilevanza

Dan il-proġett, inkluż il-oġġettivi, l-attivitajiet u l-eżiti tiegħu, huwa allinjat ma' bosta strateġiji u ftehimiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.

L-Istrateġija tal-2018 tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom (l-Istrateġija dwar is-SALW)

L-għan tal-Istrateġija dwar is-SALW tal-2018 huwa "li tiggwida azzjoni Ewropea integrata, kollettiva u kkoordinata biex tipprevjeni u ttrażzan l-akkwist ta' SALW illeċiti u l-munizzjon tagħhom..., u li tippromwovi

l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ fl-armi legali".² L-Istrateġija dwar is-SALW tal-2018 tippredvi azzjonijiet speċifiċi dwar il-ġestjoni tal-ħażniet u timpenja lill-UE biex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-assistenza għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni (PtA) tan-NU, inkluż il-ġestjoni tal-ħażniet; biex tippromwovi u timplimenta standards u prattiki tajba għall-immaniġġar tal-armi ħfief (ISACS [issa MOSAIC]) u tal-munizzjon (IATG).

AAMVS tal-UE tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex timplimenta l-Istrateġija dwar is-SALW tal-2018:

- Il-prevenzjoni tad-devjazzjoni u l-promozzjoni tal-irfigħ tar-responsabbiltà fil-kummerċ legali tas-SALW huma oġettiv iddikjarat tal-AAMVS. L-AAMVS tal-UE tista' tappoġġa l-valutazzjonijiet tar-riskju ta' devjazzjoni mwettqa qabel l-awtorizzazzjonijiet tal-liċenzji tal-esportazzjoni.
- L-AAMVS tal-UE tista' tappoġġa l-kooperazzjoni u l-assistenza fil-qasam tal-ġestjoni tal-ħażniet billi tidentifika d-dgħufijiet fis-sistema tal-ġestjoni u billi sservi ta' għodda ta' monitoraġġ għall-intraċċar ta' tibdil jew titjib fil-prattika.
- Il-metodoloġija ta' awtovalutazzjoni tippromwovi l-implimentazzjoni tal-MOSAIC u l-IATG bħala l-istandards użati għall-valutazzjoni tal-konformità.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-2020-2025 dwar it-Traffikar tal-Armi tan-Nar

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-2020-2025 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar sabiex jindirizza t-traffikar illeċitu fl-UE u fis-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa (il-Balkani tal-Punent, il-Moldova u l-Ukrajna) jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiżdied is-sigurtà tal-ħażniet fix-Xlokk tal-Ewropa u jappoġġa lir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.³ Il-pjan direzzjonali jipprevedi wkoll iż-żieda fis-sigurtà tal-ġestjoni tal-ħażniet, il-progress fir-regolamenti u l-monitoraġġ tal-konformità dovuta.⁴ Barra minn hekk, l-Azzjoni 4.2 teżiġi l-inkoraġġiment ta' ġestjoni aħjar tal-ħażniet fir-reġjun tas-Sahel.

Għalkemm l-AAMVS tal-UE ma tiffukax fuq l-aspett reġjonali, tista' tappoġġa sforzi biex jiġu identifikati dgħufijiet strutturali fil-prattiki tal-ġestjoni tal-ħażniet minn utent aħħari. Il-metodoloġija tal-awtovalutazzjoni hija partikolarment adattata biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fir-regolamenti tas-sigurtà.

Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE tal-2008 dwar l-Esportazzjoni tal-Armi (Pożizzjoni Komuni tal-UE) u l-Gwida fakultattiva għall-Utenti għall-Pożizzjoni Komuni⁵

Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE fiha tmien kriterji li jiddeskrivu erba' settijiet ta' riskji li l-Istati Membri huma meħtieġa jittrattaw bħala raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja tal-esportazzjoni u erba' settijiet ta' fatturi li l-istati huma meħtieġa "jikkunsidraw" meta jivvalutaw applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni. Is-Seba' Kriterju jirreferi għall-"eżistenza ta' riskju li t-teknoloġija jew it-tagħmir militari jiġi ddevjat fl-istess pajjiż xerrej jew jiġi esportat mill-ġdid taħt kondizzjonijiet mhux mixtieqa" bħala fattur li l-esportatur għandu jqis. Il-Pożizzjoni Komuni żżid li l-esportatur, meta jivvaluta r-riskju ta' devjazzjoni, għandu jqis, "il-kapaċità tal-pajjiż destinatari li japplika kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni".

Il-Gwida għall-Utenti tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE—li tippredvi aktar struzzjonijiet, li madankollu mhumiex vinkolanti, dwar kif għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' dan id-dokument—tistieden

² Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom, Brussell, 19 ta' Novembru 2018, 13581/18, <<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13581-2018-INIT/mt/pdf>>.

³ Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar, (nota 30).

⁴ Ara l-Għan 7 tar-"Roadmap for a sustainable solution to the illegal possession, misuse and trafficking of Small Arms and Light Weapons (SALW)/firearms and their ammunition in the Western Balkans by 2024", Londra, 10 ta' Lulju 2018, <<https://www.seesac.org/f/docs/publications-salw-control-roadmap/Regional-Roadmap-for-a-sustainable-solution-to-the.pdf>>.

⁵ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari, (nota 7).

lill-esportaturi jqisu jekk fil-pajjiż destinatariju (a) "il-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet" tkunx "ta' standard suffiċjenti" (inkluż MOSAIC u IATG); u (b) jekk kienx hemm "każijiet magħrufa ta' problemi ta' ħażniet li jonqsu".⁶

Il-Gwida għall-Utent tirreferi għall-importanza ta' ġestjoni effikaċi tas-sigurtà u tal-ħażniet mhux biss fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kriterju 7 u tal-valutazzjoni tar-riskju ta' devjazzjoni, iżda wkoll fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji 1 u 2 tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE li jkopru, rispettivament, l-issodisfar tal-obbligi internazzjonali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali. B'mod partikolari, il-Gwida tqis li l-aderenza għall-istandards previsti mill-PtA tan-NU, inkluż dawk li jkopru l-ġestjoni tal-ħażniet, rilevanti għall-valutazzjoni tar-rispett tad-destinatariji għall-obbligi internazzjonali skont il-kriterju 1.⁷ Barra minn hekk, il-Gwida tirreferi għall-preżenza ta' "proċeduri adegwati għall-ġestjoni u s-sigurtà ta' ħażna, inkluż għal eċċess ta' armi u munizzjon" u għall-preżenza ta' problema f'termini ta' "serq u t-telf mill-ħażna" fil-pajjiż iddikjarat tal-utent aħħari, bħala elementi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-preżenza ta' riskju li l-armi esportati jistgħu jintużaw bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali skont il-kriterju 2.⁸

Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE u l-Gwida għall-Utent jipprevedu wkoll gwida rilevanti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, li hija komponent importanti tal-AAMVS. L-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE jirrikjedi li l-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni dwar iċ-ċaħdiet ta' liċenzji tal-esportazzjoni u li jikkonsultaw bejniethom meta jqisu l-approvazzjoni ta' liċenzja li kienet "essenzjalment identika" għal waħda miċħuda qabel minn Stat Membru ieħor. Din id-dispożizzjoni hija msaħħa aktar bl-Artikolu 7 tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE li jirrikjedi li l-Istati Membri "jirrinforzaw il-kooperazzjoni tagħhom u ... jippromwovu l-konverġenza tagħhom" fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-armi billi "jiskambjaw informazzjoni rilevanti" mhux biss dwar iċ-ċaħdiet iżda wkoll dwar il-politiki tal-esportazzjoni tal-armi. Il-Gwida għall-Utent thegħeġ lill-Istati Membri biex jiskambjaw informazzjoni fil-COARM u anke permezz "tas-sistema online [tal-]COARM jew, jekk il-klassifikazzjoni 'Ristretta' titqies xierqa, permezz ta' messaġġi tal-COREU". L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkopri wkoll informazzjoni li tista' tkun utli għal Stati Membri oħra sabiex jipprevjenu r-riskju tad-devjazzjoni.⁹

Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE tipprevedi rabtiet ċari bejn politika stabbilita u l-AAMVS. Ir-rabta ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/979 u l-AAMVS tal-UE tfasslet speċifikament biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-kontroll tal-esportazzjoni meta japplikaw il-kriterju 7 tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE billi sservi ta' għodda teknika li tista' tagħti analiżi tal-miżuri ta' sikurezza u ta' sigurtà implimentati minn stat importatur potenzjali. Il-metodoloġija użata hija konsistenti mal-gwida mogħtija fil-Gwida għall-Utent biex l-istandard jiġi vvalutat skont prattika tajba eżistenti aċċettata internazzjonalment. L-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni jistabbilixxi wkoll ġustifikazzjoni politika għall-komponent tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni tal-AAMVS tal-UE.

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/38 tal-15 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi approċċ komuni dwar l-elementi taċ-ċertifikati tal-utenti aħħarin fil-kuntest tal-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/38/PESK tistabbilixxi approċċ komuni dwar l-elementi taċ-ċertifikati tal-utenti aħħarin (EUC) fil-kuntest tal-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon

⁶ Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Gwida għall-Utent għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560), p. 129.

⁷ Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Gwida għall-Utent għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560), p. 24.

⁸ Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Gwida għall-Utent għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560), p. 58.

⁹ Kunsill tal-Unjoni Ewropea, "Gwida għall-Utent għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1560), p. 159.

tagħhom.¹⁰ Id-Deċiżjoni tinkludi żewġ "elementi fakultattivi" għall-kunsiderazzjoni tal-istati li huma direttament rilevanti għall-AAMVS: (c) tkun permessa verifika fuq il-post mill-istat esportatur wara l-konsenja; (d) jingħataw assigurazzjonijiet li juru l-kapaċità tal-utent aħħari "għall-ġestjoni sikura u sigura tal-armi u l-munizzjon, inkluż il-kapaċità tiegħu għall-ġestjoni sikura u sigura tal-ħażniet" fejn ser jinħażnu l-oġġetti.

L-AAMVS tista' tinkludi metodoloġija ta' verifika wara t-twassil sabiex tappoġġa l-verifika fuq il-post tal-asserzjonijiet magħmula fl-awtovalutazzjoni. Din għandha tagħti livell saħansitra ogħla ta' assigurazzjoni.

7. Strateġija ta' komunikazzjoni u viżibbiltà

L-AMAT ser ikun meħtieġ jiehū l-miżuri xierqa kollha biex jipubblicizza li dan il-proġett ġie ffinanzjat mill-UE f'konformità mar-Rekwiżiti ta' Komunikazzjoni u ta' Viżibbiltà għall-Azzjoni Esterna tal-UE tal-2018, ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea. L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea ser jiġi rikonoxxut ukoll fl-istediniet u f'dokumenti oħra li jiġu kondiviżi mal-parteċipanti fid-diversi avvenimenti. L-AMAT ser jiżgura li l-UE tkun rappreżentata f'avvenimenti, fejn ikun possibbli, li huma appoġġati skont din id-Deċiżjoni.

B'mod speċifiku, l-UE ser tkun rikonoxxuta bħala l-mexxej tal-proġett fl-avvenimenti reġjonali u internazzjonali kollha fejn l-AAMVS tkun ippreżentata. L-AAMVS tal-UE tista' sservi ta' motivazzjoni eċċellenti għal organizzazzjonijiet reġjonali oħra, u għalhekk l-AMAT ser iħeġġeġ u jappoġġa l-isforzi tal-UE għall-promozzjoni ta' din l-għodda f'kuntesti differenti ta' kontroll tal-armi. Ir-rappreżentanti tal-UE ser jiġu mistiedna jwasslu l-kummenti tagħhom u l-logo tal-UE għandu jidher fil-preżentazzjonijiet u r-reklami.

¹⁰ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/38 tal-15 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi approċċ komuni dwar l-elementi taċ-ċertifikati tal-utenti aħħarin fil-kuntest tal-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, L14/4, 18 ta' Jannar 2021, <<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021D0038&from=MT>>.